MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 679/2009

**Miles Express Cargo Systems Limited**
**Vs**
**Charles Busuttil**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas fis-somma ta' elfejn u tlieta u ghoxrin ewro (€2023) rapprezentanti, in kwantu ghas-somma ta' disa' mija u sitta u ghoxrin ewro u tletin centezmu (€926.30) skont fattura numru 29343 datata 7 ta' Lulju, 2009, (b) kwantu ghal tmien mija wiehed u sittin ewro u disa' u disghin centezmu (€861.99) skont fattura numru 29344 ukoll datata 7 ta' Lulju, 2009 u (c) in kwantu ghal mitejn hamsa u tletin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€235.41) skont fattura numru 29632 datata 3 ta' Awissu, 2009 (kopji flimkien ma' prospett annessi u mmarkati dok A sa D). Dan kollu dwar servizzi ta' garr ta' merkanzija u

servizzi ohrajn relatati flimkien ma' VAT relattiv, liema servizzi kollha nghataw fuq inkarigu tal-istess konvenut.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax bl-oghla rata skont il-ligi mid-data tal-hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-effettiv pagament, ilkoll kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal illi l-azzjoni attrici hija in tempestiva billi l-azzjoni attrici ingabet kontra l-intimat ftit wisq taz-zmien li ntbaghtet lill-intimat u dan minghajr ma interpellatu sabiex ihallas permezz ta' ittra legali u /jew ittra gudizzjarja kif huwa solitu skont prattici kummercjali u skont it-*terms and conditions* tas-socjeta' attrici u *rationae materiae* it-talba ghandha tigi riferita *ai termini* tal-Ligi tal-Arbitragg.

Illi qabel ma ngiebet l-azzjoni odjerna, l-hlas kien gie rifjutat mill-attrici wara li l-intimat mar sabiex ihallas skont ma kienu ftehmu l-partijiet.

Illi l-fatturi huma zbaljati stante li ma ttiehdux in kunsiderazzjoni l-prezz miftiehem, zbalji fil-volum tal-oggetti mpurtati u telf ta' wahda mill-gitarri impurtati.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Ra li permezz tan-nota pprezentata fit-22 ta' Marzu, 2010, il-konvenut irrinunzja ghall-eccezzjoni preliminari dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal u ghaldaqstant it-Tribunal issokta sabiex jisma' l-provi kolha dwar il-mertu tal-kaz.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Sema' u ra x-xhieda ta' Patrick Mercieca, Martin Ferry, Edward Ferry, Stephen Said, Michelle Cassar, Charles Busuttil u Felix Busuttil.

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**
Illi din il-kawza titratta dwar talba ghal hlas tas-somma indikata fit-talba ghall-servizzi ta' garr ta' merkanzija u servizzi ohrajn relatati flimkien ma' VAT relattiv, liema servizzi kolha nghataw fuq inkarigu tal-istess konvenut. Illi l-konvenut m'huwiex qieghed jikkontesta li l-garr sehh izda qieghed jikkontesta l-kwantum tal-hlas ezagerat, mitlub mis-socjeta' attrici stante li l-fatturi pprezentati lill-konvenut huma zbaljati peress li ma ttiehditx in kunsiderazzjoni volum, l-prezz miftiehem, zbalji fil-piz tal-oggetti mpurtati u telf ta' wahda mill-gitarri mpurtati.

It-Tribunal sema' l-provi atturi, fejn spjegaw illi t-talba hija diviza f'zewg konsenji separati ta' merkanzija. Illi dwar l-ewwel konsenja fil-25 ta' Gunju, 2009 s-socjeta' attrici intalbet stima ghal konsenja *door to door* mill-Portugal bil-kejl ta' erba' metri kubi (4cbm) piz ta' seba' mija u ghoxrin kilu (720Kg). L-istima skont dan il-kejl kien ta' €730.50 + VAT. L-istima giet accettata u l-konvenut talab li jipprocedu bil-garr. Is-socjeta' attrici tingagga lil Attrans Ltd sabiex hija tirranga t-trasport mis-*supplier* lejn Malta ghall-merkanzija/konsenja. Fis- 6 ta' Lulju, 2009 is-socjeta' attrici irceviet *Notice of Arrival* mill-Attrans Limited. Illi fin-*Notice of Arrival* il-kejl kien ta' 5.52cbm/720Kg. Illi l-fattura fuq il-kejl addizzjonali ta' €730 +Vat, kien hemm differenza ta' €199.50 mill-istima originali. Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi l-volum tal-konsenja fin-*Notice of Arrival* kien f'ammont ikbar minn dak indikat lill-konvenut mis-socjeta' attrici. Il-konsenja kienet ta' strumenti muzikali.

Illi dwar it-tieni konsenja r-rapprezentant tas-socjeta' attrici spjega li fit-30 ta' Gunju, 2009, is-socjeta' attrici ntalbet stima ghal konsenja *door to door* mill-Italja bil-kejl ta' hamsa punt seba u erbghin metri kubi (5.47cbm) piz ta' 816Kg. Il-konsenja kienet tikkonsisti fi strumenti muzikali. L-istima skont dan il-kejl kien ta' €435 + VAT. L-istima giet accettata u l-konvenut talab li jipprocedu bil-garr. Is-socjeta' attrici tingagga lil Eurobridge Shipping Services Ltd (Eurobridge) sabiex hija tirranga sabiex tingabar il-merkanzija/konsenja minghand is-*supplier* tal-konvenut.

Fis- 7 ta'Lulju, 2009 s-socjeta' attrici rceviet *Notice of Arrival* mill-Attrans Limited. Illi fin-*Notice of Arrival* il-kejl kien ta' 10 cbm/720Kg. Illi l-fattura fuq il-kejl addizzjonali kien ta' €785+Vat, differenza ta' €350 mill-istima originali. Illi hija l-fehma tat-tribunal li l-volum tal-konsenja fin-*Notice of Arrival* kienet f'ammont ferm ikbar minn dak indikat lill-konvenut fl-istima li rcieva mis-socjeta' attrici.

Skont s-socjeta' attrici, l-konvenut kien iffirma zewg konsenji skont id-*delivery order* bl-ammonti f'somma ikbar minn dawk moghtija fl-istima stante li l-volum tal-konsenja kienet f'ammont ferm akbar. Illi wara li kien ircieva u accetta l-konsenja, l-konvenut beda jirrifjuta li jhallas id-differenza fil-prezz ghar-raguni li l-konsejni ma kienux fil-volum indikat, kemm fin-*Notice of Arrival* kif ukoll fid-*delivery orders* ffirmati mill-konvenut stess.

Illi mill-provi u dokumenti ezebiti in atti, jirrizulta lit-Tribunal li l-istimi jinghataw lill-klijenti fost kundizzjonijiet varji (vide emajl tal-25 ta' Gunju, 2009 a fol.57) fejn jinghad illi l-istima hija *subject to goods being well packed, STACKABLE and in free circulation.* Illi t-Tribunal minn imkien ma rrizultalu li din il-merkanzija ma kienetx *stackable* u ghaldaqstant l-istimi kellhom jiriflettu materjal u konsenji *stackable* u ma kellux ikun hemm differenza fil-prezz fuq il-principju li l-konsenji baqghu *stackable*. Illi ghalkemm iz-zewg konsenji kienu konsenji fragili baqghu bir-rata *stackable* u l-konsenji pprocedew skont konsenji *stackable*.

Intqal mill-konvenut li huwa ried ihallas biss skont l-istima li kellu mis-socjeta' attrici. Skont il-konvenut, qal illi huwa ilu jimporta strumenti muzikali lejn Malta mill-1999 u huwa kien juza s-servizzi ta' Carmelo Caruana Shipping Co Ltd u qatt ma kellu ebda problemi ma' din is-socjeta' fis-snin li hadem bihom. Illi kien ghall-ahhar sena' qabel ma giet intavolata l-kawza, li huwa kien beda juza s-servizzi tas-socjeta' attrici ghall-merkanzija konsistenti fi strumenti muzikali li huwa kien qieghed igib minn vari pajjizi lejn Malta. Dan sehh peress illi l-prezzijiet tas-socjeta' attrici kienu kompetittivi ma' dawk ta' Carmelo Caruana Shipping (bhala socjeta' involuta fil-*freight forwarding*) u

peress li kien sar hbieb ma’ Edward Ferry, direttur tas-socjeta’ attrici huwa pprefera jaghti xoghol lilu jekk il-prezz kien jaqbel.

Huwa kkonferma li kellu ordni ta’ strumenti muzikali mill-Italja bi prezz ta’ €435 +VAT ghal volum ta’ 5.47cbm b’piz ta’ 816Kg. Illi fis-7 ta’ Lulju, 2009 ircieva telefonata mis-socjeta’ attrici fejn gie mgharraf illi l-volum li huwa kien ircieva kien akbar mis-soltu u minhabba li kien is-sajf ma riedx ihalli l-konsenji fix-xemx u seta’ jkun il-kaz illi bghatulu konsenja doppja u huwa accetta li l-konsenja tintbghat lilu fl-indirizz moghti minnu mal-ordni. Meta huwa ffirma ghal-konsenja mal-burdnar ra li mad-daqqa’ t’ghajn ma kienx hemm 10 cbm volum fil-konsenja. Qal illi l-piz kien skont l-istima izda l-volum ma kienx skont l-istima u huwa ghamel cirku u punt interrogattiv, fid-*delivery order* li tah il-burdnar. Qal ukoll illi huwa kellu konferma mis-*supplier* tieghu fl-Italja, Claudio Formisano li l-konsenja kienet telqet minn ghandu bil-kejl ta’ 5.47 cbm u 816Kg piz. Il-konvenut kien ta’ spiss jordna konsenji simili u qatt ma gara li l-volum kien jitbiddel mal-wasla f’Malta. Is-*supplier* Taljan kien sahansitra offra li jerga’ jippakkja l-istess tip ta’ konsenja u jekk ried l-*freight forwarder* huwa seta’ jmur u jkejjel l-istess tip ta’ xoghol. Il-konvenut qal illi huwa kien infurma lis-socjeta’ attrici b’dan, izda is-socjeta’ attrici ma kienetx interessata. Konsegwentement, il-konvenut offra li jhallas skont l-istima u s-socjeta’ attrici irrifjutat il-hlas.

Illi dwar il-konsenja mill-Portugal, il-konvenut qal illi huwa kien ikkonferma stima ghall-garr ta’ merkanzija mill-Portugall fis-somma ta’ €475 + VAT u mhux ta’ €730.50 + VAT ghall-4cbm merkanzija, kif sostna r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici. Illi l-prezz ta’ €475 gie kkonfermat lilu permezz tat-telefon wara li l-konvenut kien indikalu li Carmelo Caruana Shipping kien tah stima ghall-istess konsenja fis-somma ta’ €475 +VAT. Illi fis-7 ta’ Lulju, 2009 ircieva l-konsenja mill-burdnar u fid-*delivery order* kien hemm miktub 5.46cbm/720Kg merkanzija. Il-konsenja kienet ta’ tletin kaxxa u huwa ffirma *delivery order* tal-burdnar ghaliex li kieku ma ghamilx hekk il-burdnar ma kienx ser jirrilaxxa l-konsenja. Il-konvenut fil-pront cempel

lil Edward Ferry fejn ikkonferma mas-*supplier* tieghu fil-Portugal illi l-konsenja kienet ta’ 4.12cbm. Qal ukoll illi l-istima mis-socjeta’ attrici ghal din il-konsenja kienet ta’ €475+VAT u mhux kif gie sostnut mis-socjeta’ attrici fis-somma ta’ €730.50+VAT. Intqal mill-konvenut illi ghalkemm huwa talab kopja tal-*bill of lading* tal-merkanzija huwa qatt ma nghata kopja mis-socjeta’ attrici sabiex ikun jista’ jivverifika l-konsenji. Intqal ukoll illi l-konsenja tieghu giet ripakkjata minn *freight forwarders* peress illi l-konsenji waslulu sfuzi u dan seta’ jindika li l-materjal tieghu gie pakkjat b’mod iehor mill-*freight forwarders* bil-konsegwenza li l-konsenja kellha volum differenti ghalkemm stranament il-piz baqa’ xorta. Il-konvenut kien talab diversi drabi li jara kopja tal-*bill of lading* izda huwa qatt ma rcieva din l-informazzjoni. Il-konvenut spjega ukoll illi huwa qatt ma nghata c-cans li jiddepozita s-somma li huwa ried ihallas skont l-istima ghaliex f’temp ta’ gurnata s-socjeta’ attrici kienet fethet il-kawza minghajr ma qatt ircieva ittra interpellatorja sabiex ihallas. Spjega ukoll illi huwa dejjem kien jordna l-istess ammont ta’ merkanzija fil-passat u l-kubagg (volum) dejjem baqa’ l-istess. Illi huwa kien jaghmel ordnijiet simili tett darbiet fis-sena u qatt ma kien ircieva jew sahansitra ordna 10 cbm. Il-konvenut qal ukoll illi ghalkemm l-*emails* kien jirceviihom minn Patrick Mercieca, n-negozjati fuq prezzijiet kienu jsiru ma’ Edward Ferry li kien habib tal-konvenut.

Illi fix-xhieda ta’ missier il-konvenut, Felix Busuttil huwa kkonferma dak kollu li huwa sema’ u ra fil-presenza ta’ ibnu Charles, dwar dawn il-konsenji. Huwa enfasizza ukoll illi xtaq illi titkejjel il-merkanzija izda min-naha tas-socjeta’ attrici ma kienx hemm qbil dwar din l-istedina li l-ordni titkejjel mill-gdid.

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha pprezentati mill-konvenut. Ra l-korrispondenza skambjata mis-*supplier* Taljan dwar il-konsenja fl-Italja fejn huwa kkonferma li l-kejl Taljan kien ta’ 5.47cbm u mhux ta’ 10cbm. It-Tribunal ra dokument A5 li hija l-fattura tas-*supplier* li tindika volum ta' 5.47cbm bil-piz ta' 816Kg. It-Tribunal ra fatturi simili

moghtija lill-konvenut fil-passat qarib fuq konsenji simili, kif indikati mill-konvenut.

Ra d-dokument B12, li jikkonferma li l-konsenja mill-Portugall kienet ta’ (volum) 4.12cbm bil-piz ta’ 720Kg. Illi skont il-konvenut huwa kien irranga mas-socjeta’ konvenuta li jhallas €475 skont l-istima moghtija lilu mis-socjeta’ Carmelo Caruana Shipping Limited. Illi konferma bil-miktub tal-ftehim verbali ta’ €475 ma gietx prodotta mill-konvenuta izda huwa baqa’ jsostni li l-ftehim hekk kien u li m’huwiex minnu li huwa kien accetta li jhallas €730.50 ghal 5.47cbm. Illi *d’altronde* huwa qatt ma kien ha jaccetta li din il-konsenja tneffhet ghal volum ta’ 10cbm partikolarment meta l-piz baqa’ l-istess.

It-Tribunal ra li l-kawza infethet biss xahar wara li l-konvenut ilmenta bid-diskrepanzi tal-konsenji. Illi lit-Tribunal ma jidhirlux li l-konvenut ma riedx ihallas ghall-garr, izda l-konvenut ma riedx illi jhallas prezz mhux miftiehem u fl-istess hin ezagerat, ghal konsenja li ma kellhiex l-istess kejl u li fil-fehma tal-konvenut kienet ferm differenti minn dik moghtija mis-*supplier* tieghu. It-Tribunal ra ukoll illi l-ftehim kien sehh ma’ Edward Ferry u sussegwentement ma’ Patrick Mercieca min-naha tas-socjeta’konvenuta.

Wara li sema’ u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, hija l-fehma tat-Tribunal li d-dubji tal-konvenut huma ben fondati u li konsegwentement il-verzjoni tieghu hija bazata fuq fatti. Illi t-Tribunal ghandu dubji serji dwar kif il-volum kiber tant filwaqt li l-piz baqa’ l-istess. Illi jekk kemm-il darba il-verzjoni tas-socjeta’ attrici kienet bazata fuq is-sod, ma jidhirlux li l-piz tal-konsenja kellu jibqa’ l-istess, u ghalhekk anke l-piz kellu jvarja.

It-Tribunal huwa konvint illi l-konsenja mill-Italja kienet fil-volum skont l-istima izda ghal xi raguni t-trasportaturi hadu kejl hazin meta hattew il-konsenja tas-*supplier* u gew sabiex jaghmlu l-*istacking*. It-Tribunal huwa sodisfatt mill-fatturi tas-*supplier* u ra li s-socjeta’ attrici ma riedetx tikkopera mall-klijent taghha.  Illi *d’altronde*, il-volum tal-

konsenja kien kwazi rdoppja minn 5.47cbm ghal 10cbm izda l-piz ta’ 816kg baqa’ l-istess.

Illi dwar il-konsenja mill-Portugall it-Tribunal ra li mill-provi l-konsenja kienet fil-volum ta’ 4cbm li varja ghal 5.52cbm fl-istess piz ta’ 720kg. It-Tribunal huwa sodisfatt mill-fatturi tas-*supplier* u ra li s-socjeta’ attrici ma riedetx tikkopera mal-klijent taghha. Izda dwar l-istima, t-Tribunal ra li ma jidhirlux illi l-konvenut pprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu dwar l-istima iktar baxxa ta’ €475 li allegatment kienet giet accettata mis-socjeta’ attrici.

Illi fiz-zewg kazijiet is-socjeta’ attrici indikat lill-klijent illi hija ma kienetx disposta taghti ebda spjegazzjoni ulterjuri u lanqas ma tathom kopja tal-*bill of lading.*

It-Tribunal quddiemu ra li l-konvenut kellu stimi reolari moghtija lilu mis-socjeta’ attrici izda meta waslet il-konsenja l-istimi ma baqghux validi fic-cirkostanzi. It-Tribunal jikkonkludi li s-socjeta’ attrici kellha timxi mal-istimi li kienet tat lill-klijent ghaliex wara kollox, klijent jibbaza l-ordni tieghu fuq stima li jinghata. Illi *d’altronde* il-konvenut wera bic-car illi l-konsenji kienu telqu mis-*supplier* bl-istess kejl skont l-istimi u qatt ma ngabet bhala prova l-*bill of lading* tal-merkanzija sabiex wiehed ikun jista’ jikkompara.

Illi t-Tribunal jidhirlu li ma kellux ikun hemm ebda varjazzjoni u jekk kemm-il darba kien ser ikun hemm xi varjazzjoni din kellha tigi mgharrfa lill-klijent meta t-trasportatur mar ghal konsenja u ra li dak indikat mis-*supplier* ma kienx ha jaqbel mal-kejl tieghu.

Illi t-Tribunal ihoss illi huwa ghandu jigi gwidat skont l-istimi moghtija lill-konvenut. Illi t-Tribunal jikkonferma li l-istima ghall-konsenja mill-Italja ghandha tkun ta’ €730.50 ghaliex il-konvenut ma ppruvax l-allegazzjoni tieghu dwar prezz aktar baxx u l-istima tal-Italja ghandha tibqa’ skont dik moghtija originarjament lill-konvenut mis-socjeta’ attrici fis-somma ta’ €435 kif gja spjegat iktar ‘l fuq.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici *in parte* u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici fis-somma limitata t’ elf tlett mija hamsa u sebghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€1375.29) bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Illi stante l-intempestivita’ tal-kawza, t-Tribunal qieghed japporzjona l-ispejjez ta’ din l-istanza tlett kwarti ghas-socjeta’ attrici u kwart ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------